

# L-Attakki mill-Ajru fuq Ħal Għaxaq matul l-1942

**Charles Debono**
*Kuratur, Mużew Nazzjonali tal-Gwerra*

Matul it-Tieni Gwerra Dinjija, Malta ġiet ibbumbardjata bla ħniena. L-agħar sena tal-gwerra għal Malta kienet l-1942. Matul dax-xahar, kienu twaddbu madwar 7,000 tunnellata ta' bombi fuq Malta, minn ajruplani tal-attakk tal-Assi. Mal-bombi normali twaddbu wkoll bombi żgħar imsejħin *butterfly bombs*. Dawn kienu bombi żgħar li meta jitwaddbu mill-ajruplani kienu jinfetħu u jekk dak li jkun jaqbadha b'idu kienet tisplodi. Dawn li ġejjin huma bombi li waqgħu f'diversi nħawi differenti ta' Ħal Għaxaq fl-1942:

| Data | Tħabbira | Għadda l-Attakk | Rimarki |
|---|---|---|---|
| 3 ta' Frar | 4.25pm | 6.21pm | Balla ta' kanun Bofors splodiet mal-art u feriet sitt persuni, fejn tlieta minnhom kellhom jittieħdu l-isptar. |
| 7 ta' Frar | 6.45am | 7.35am | Waqgħu erba' bombi u splodew f'tarf Ħal Għaxaq, fejn waqqgħu razzett kif ukoll laqtu tnejn oħra wkoll. Mietu wkoll erba' nagħġiet. |
| 26 ta' Frar | 11.24am | 12.24pm | Waqgħu bombi u splodew fil-limiti ta' Ħal Għaxaq, fejn intlaqat saqaf ta' razzett. |
| 10 ta' Marzu | 8.49am | 10.08am | Waqgħu erba' bombi ġol-għelieqi u splodew fit-truf ta' Ħal Għaxaq, fejn ikkaġunaw xi ħsarat f'binja li kienet tinsab fi Triq San Filippu, fi Sqaq Nru. 5, u qerdu xi prodotti tar-raba'. |
| 19 ta' Marzu | 4.15pm | 6.58pm | Waqgħu bombi u splodew f'għelieqi qrib Triq Valletta, fejn ikkaġunaw ħsarat f'razzett u ħitan tas-sejjieħ. |



*Bombi tal-Ajru Ġermaniżi, wara ajruplan tal-attakk, jistennew li jiġu mgħobbija ġo ajruplani, f'ajrudrom fi Sqallija*

| | | | |
|---|---|---|---|
| 26 ta' Marzu | 4.29pm | 6.54pm | Żewġ persuni sofrew xi ġrieħi wara li laqtuhom xi *splinters* minn balla ta' Kanun ta' Kontra l-Ajruplani. |
| 31 ta' Marzu | 7.31pm | 8.33pm | Waqgħu erba' bombi f'għelieqi fl-inħawi Taċ-Ċens fejn ikkaġunaw ħsarat lil xi prodotti tar-raba' u siġar. |
| 31 ta' Marzu | 3.41pm | 6.14pm | Waqgħu tliet bombi ġo xi għelieqi fl-inħawi Ta' Xandur, fejn ikkaġġunaw ħsarat fi prodotti tar-raba' u siġar. |
| 9 t'April | 12.45pm | 2.12pm | Waqgħu numru ta' bombi fuq ir-raħal fejn qerdu diversi djar u għamlu ħsarat f'oħrajn. Fl-istess waqt ħdax-il persuna sfaw feruti, għaxra minnhom kellhom jittieħdu l-isptar u sebgħa oħra tilfu ħajjithom, tnejn minnhom kienu għadhom mirduma taħt it-terapien. |
| 6 ta' Ġunju | 8.24pm | 9.42pm | Waqgħu bombi f'xi għelieqi fejn għamlu ħsara fi tliet irziezet. Ma ġewx irrappurtati vittmi. |
| 24 ta' Ġunju | 11.30am | -------- | Carmel Agius, li kellu 12-il sena, minn Ħal Għaxaq, kien qed jilgħab bi fuze ta' balla ta' kanun, fejn din splodiet, u hu safa ferut. It-tifel ittieħed l-isptar. |
| 20/21 ta' Lulju | 10.55pm | 12.27am | Splodew bombi f'xi għelieqi, fejn waqqgħu diversi rziezet. Ma kienx hemm vittmi. |
| 23 ta' Lulju | 4.20pm | 4.52pm | Żewġ *butterfly bombs* waqgħu u splodew f'xi għelieqi, li però ma kkaġunawx ħsarat u lanqas vittmi. |
| 24 ta' Lulju | 5.17pm | | Joseph Cumbo, li kellu 33 sena, waqt li kien fl-għalqa, ġabar ġebla u tefagħha kontra *butterfly bomb*, fejn din splodiet u weġġa' ħafif. Ir-raġel intbagħat l-isptar. |
| 28 ta' Lulju | 9.15am | -------- | Joseph Abela, li kellu 11-il sena u Tony Caruana, li kellu 9 snin, it-tnejn li huma minn Ħal Għaxaq, kienu fl-għalqa, qabdu *butterfly bomb* u splodiet f'idejhom, li qatlet lil Joseph u feriet lil Tony. |

Kif rajna, għalkemm Ħal Għaxaq jinsab fejn kien hemm ajrudromi ta' Ħal Luqa u Ħal Far, ma tantx ġew rappurtati li waqgħu bombi fuq dan ir-raħal. Kien hemm xi inċidenti relatati ma' bombi msejħin *butterfly bombs*, kif ukoll balal ta' kanuni li ma jkunux splodew u jaqgħu fuq l-art. Jista' jkun li dawn il-balal kienu jaqgħu meta jiġu sparati mill-Kanuni tal-Batterija ta' Kontra l-Ajruplani f'Ta' Karach. Kemm il-*butterfly bombs*, kif ukoll il-balal ikkawżaw diversi mwiet u ġrieħi.



IT-TURRETTA
Self Service & Detergents
1, Triq iċ-Ċombini, Għaxaq
Special Prices & Offers
Tel: 2701 9395
Free Delivery

